MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1907/1996/1

**Registratur tal-Qrati Superjuri**

**Vs**

**Frances Bugeja**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fid-29 ta' Awissu 1994, il-Marixxal Leonard Falzon mar biex jezegwixxi mandat ta' qbid fl-ismijiet "Avukat Dottor Stephen Thake noe -vs- Jesmond Bugeja", Dokument X1, fil-fond 7B Sant Anton Crt, Pope John XXIII Street, Birkirkara;

Premess illi l-Marixxall ezekutur irrapporta lil din il-Qorti li hu ma setax ighaddi ghall-ezekuzzjoni ghaliex gie infurmat mill-mara tad-debitur, il-konvenuta odjerna, li d-dar hija ta' omm id-debitur u li hemm fid-dar huwa proprjeta` ta' ommu u ma hallietux jezegwixxi l-mandat, Dokument X2;

Premess illi b'dan l-agir taghha l-istess konvenuta irrendiet ruhha passibbli ghall-procediment ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti;

Premess illi ghalhekk din il-Qorti b'digriet tal-15 ta' Novembru 1995, ordnat lill-attur biex jiehu l-passi opportuni skond il-ligi ghal disprezz ta' l-awtorita` taghha;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Issib lill-konvenuta hatja ta' disprezz ghall-awtorita` taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

2. Tikkundanna lill-konvenuta ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta u bit-twissija li jekk ma tidhirx hija tista' tigi mgieghela biex twiegeb ghall-akkuza bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat illi ghalkemm debitament notifikata bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, il-konvenuta baqghet ma pprezentatx in-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi procedura ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti mehuda fil-konfront ta' Frances Bugeja, akkuzata talli fixklet lill-Marixxall ezekutant fil-qadi ta' dmirijietu meta dan kien qed jezegwixxi Mandat ta' Qbid;

Procediment bhal dan jittiehed fuq ordni tal-Qorti permezz tar-Registratur, attur fil-kawza. Dan konformement ma' dak li jinsab dispost fl-Artikolu 1003A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Jirrizulta mir-rapport tal-Marixxall Leonard Falzon (fol. 10) illi fid-29 ta' Awissu 1995 huwa acceda fil-fond 7B San Anton Court, Pope John XXIII Street, Birkirkara biex jezegwixxi Mandat ta' Qbid Numru 1390/94 mahrug fuq it-talba ta' Dr. Stephen Thake bhala segretarju ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Laferla Insurance Agency Limited fil-konfront ta' Jesmond Bugeja;

L-imsemmi Marixxall jissokta jirrapporta illi fil-fond sab lill-konvenuta li ma hallietux jezegwixxi l-Mandat ghaliex sostniet li hemm hekk ma kienetx darha izda tal-kunjata taghha;

Fix-xhieda taghha fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2000 l-konvenuta tikkonferma d-dettal ta' dan l-incident u baqghet ferma fuq l-assunt taghha illi lill-Marixxall ma hallietux jikteb ghax l-affarijiet ta' god-dar ma kienux taghha jew ta' zewgha. Diskorsha kien ritornell wiehed: "Mill-ghadba 'l gewwa mhux tieghi. Kif inhallih jikteb!";

L-Istitut tar-Rispett lejn l-awtorita` tal-Qorti hu propju mahsub biex jissanzjona atti ta' disprezz bhal dawn. Fil-fatt hu ta' natura penali u jgorr mieghu sanzjonijiet u pieni. Kif jidher minn ezami ta' l-Artikolu 998 tal-Kapitolu 12, il-persuna li allegatament tikkommetti att ta' disprezz hi kunsidrata bhala li qeghda tigi akkuzata. Taghti wkoll is-setgha li din tista' tigi mgieghla tidher biex twiegeb ghall-akkuza;

Min jarbitra, ghalhekk, u jmur kontra dak espressament ordnat mill-Qorti jirrendi ruhu hati ta' disprezz;

Ghall-kaz partikolari japplika dak stipulat fl-Artikolu 995 li proprju jitratta dwar il-kazijiet fejn l-ufficcjali tal-qorti jigu ingurjati bit-tfixkil waqt l-ezekuzzjoni ta' mandati jew il-qadi ta' dmirijiethom. Tali agir jinteressa lill-Qorti in kwantu permezz ta' l-ufficcjal taghha hi l-awtorita` taghha li tkun giet oltraggjata bl-isfida jew nuqqas ta' ubbidjenza ma' l-ordni taghha da parte tal-persuna akkuzata;

Kif intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "**Concetta Dimech -vs- Joseph Bonnici**", Appell, 9 ta' Frar 2001, "hu proprju ghalhekk illi filwaqt li l-Qorti kellha d-dritt u l-obbligu li tassigura rispett lejn l-awtorita` taghha, specjalment fejn dan jimmanifesta ruhu f'dizobbedjenza ghad-digriet taghha, kienet din il-Qorti li fil-konfront taghha jkun allegatament intwera disprezz li kellha tkun l-arbitru biex tiddeciedi mhux biss jekk tali disprezz kienx jezisti jew le, mhux biss jekk kien jezisti, kemm kien munit bl-intenzjoni li tigi oltreggjata l-awtorita` tal-Qorti, imma wkoll il-gravita` ta' tali oltragg.";

Fil-kaz in ezami l-Qorti forsi tifhem il-predikament tal-konvenuta fil-mument li kienet rinfaccjata bil-Marixxall f'dar li ma kienetx taghha biex dan jezegwixxi mandat fuq oggetti li wkoll ma kienux taghha. Dan pero` ma jiggustifikax l-agir inkorrett taghha anke jekk tattribwixxi fic-cirkostanzi r-reazzjoni zbaljata taghha ghal fatt li hemmhekk ma kienetx darha u l-affarijiet ma kienux taghha jew ta' zewgha;

Maghrufa din ic-cirkostanza, "ghalkemm umanament dik id-difiza hija ta' min jissimpatizza maghha, mill-punto di vista guridiku ma hija ta' l-ebda valur" ("**Il-Qorti -vs- Joseph Bellizzi**", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Awissu 1953);

Dan ghar-raguni illi l-ligi hi mahsuba biex tikkolpixxi l-agir ta' min b'kull mod jostruzjona l-process tal-Qorti jew jimpedixxi lill-ufficjali taghha fil-qadi ta' dmirijiethom. Aktar u aktar imbaghad meta l-ligi stess tipprovdi l-mezzi proceduarli lill-parti li taghha jappartjenu di diritto l-oggetti

prelevati biex thares l-interessi taghha u b'hekk tassikura l-helsien taghhom;

Kif jinsab rimarkat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Il-Qorti -vs- Caterina Cachia**", Qorti tal-Kummerc, 9 ta' Marzu 1950; "ma hemmx bzonn li wiehed jirrileva kemm hu mpellanti l-bzonn li l-ufficcjali tal-Qorti, li jmorru biex jezegwixxu l-ordinijiet ta' l-awtorita` gudizzjarja, jigu adegwatament protetti. Kien ikun perikolu kbir ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja, u fl-istess hin ingustizzja ghalihom, kieku dawn l-ufficcjali, li spiss jinstabu f'postijiet dizabitati fil-kampanja fl-ezekuzzjoni tad-doveri delikati, u forsi anki perikoluzi, taghhom, jithallew bla protezzjoni ta' l-Awtorita` li ghan-nom taghha jkunu qeghdin jagixxu.";

Issa kif jidher mill-Artikolu 995 min jinstab hati ta' oltrag hemm kontemplat jista' jigi kkundannat ghall-ammenda, multa jew detenzjoni. Dan bla hsara ghal kull piena ohra f'kaz li l-fatt ikun jikkostitwixxi reat izjed gravi;

Wara li qieset ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, attiza dejjem il-htija ghall-agir dispreggjattiv tal-konvenuta, il-Qorti tqis li ammenda ghandha sservi tajjeb bhala piena;

Naturalment stante in-natura specjali ta' din il-procedura ma hemmx spejjez tal-kawza x'jigu decizi.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 995 tal-Kapitolu 12, tiddikjara lil Frances Bugeja hatja ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti ghar-ragunijiet fuq indikati;

Tenut rigward tac-cirkostanzi, tikkundannaha ghall-piena ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) tithallas zmien tlett xhur mil-lum. F'kaz ta' nuqqas ta' hlas fit-terminu prefiss, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 1002 tal-Kapitolu 12 l-ammenda tigi konvertita f'piena ta' detenzjoni ghal zmien gurnata.

---------------------------------TMIEM---------------------------------